MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 1790/2005

**Maltacom plc**
**Vs**
**Arkati Construction Ltd**

Numru
Talba Numru 1790/2005

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li permezz tieghu s-societa` attrici talbet hlas tas-somma ta’ Lm625.03 rapprezentanti in kwantu ghal Lm614.03 danni sofferti mis-societa` attrici bhala konsegwenza ta’ hsarat f’cables f’Misrati il-Barrieri Santa Venera u kwantu ghal Lm 11.00 spejjez ta’ zewg ittri ufficjali, bl-imghax u bl-ispejjes.

Ra r-risposta tas-societa` konvenuta li permezz taghha qalet li hija mhiex responsabbli ghad-danni reklamati

stante li hija ma kkawzatx il-hsarat in kwistjoni u minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammont pretiz huwa eccessiv. Is-societa` konvenuta fl-istess risposta eccepiet ukoll l-preskrizzjoni ta' sentejn.

Ra x-xhieda ta' Dr Keith Grech, PS 1212 Carmel Zerafa u Frans Chirchop.

Ra l-affidavits ta' Dr Keith Grech, Victor Busuttil, Joe Cilia, Joseph Mary Pace u Ray Cachia.

Ra d-dokumenti esebieti.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Din hija kawza ghall-hlas ta' danni sofferti mis-societa` attrici bhala rizultat ta' hsarat ikkawzati f'cables sotterranji f'Misrah il-Barrieri Santa Venera. Is-societa` attrici qed tallega li kienet is-societa` konvenuta li kkawzat il-hsara stante li hi kienet qed taghmel xoghol ta' kostruzzjoni fis-sit fejn hemm il-cables.

Is-societa` konvenuta qajmet tlett eccezzjonijiet u cioe:-

- Il-preskrizzjoni ta' sentejn; u fil-meritu
- Nuqqas ta' responsabbilta ghal hsarat; u
- L-eccess ta' l-ammont mitlub.

Dwar il-preskrizzjoni t-Tribunal jirrileva fl-ewwel lok li ma giex specifikat l-artikolu tal-Ligi li fuqu qed tigi bazata din l-eccezzjoni. Pero fi kwalunkwe kaz huwa car li, anke a bazi ta' dak li qed tallega s-societa` konvenuta u cioe preskrizzjoni ta' sentejn, din l-eccezzjoni hija bla bazi fattwali.

Is-societa` attrici rceviet l-ilmenti mill-klienti taghha fil-25 ta' Settembru 2001; wara li ndagat u sabet il-kawza tal-hsara ghamlet rapport lill-Pulizija – dan ghamlitu fis-26 ta' Settembru 2001.

Jirrizulta wkoll mill-atti li s-societa` attrici prezentat zewg ittri ufficjali qabel ma ntavolat din il-kawza: wahda fit-3 ta' Settembru 2003 li giet notifikata lis-societa` konvenuta fit-12 ta' Settembru 2003 (ref Dok B a fol 3/4); u l-ohra fit-3 ta' Awissu 2005 (ref Dok C a fol 5/6). Il-kawza mbaghad giet prezentata fil-5 ta' Ottubru 2005.

Ili ghalhekk jidher car li l-preskrizzjoni ta' sentejn kienet qed tigi nterrotta tempestivament u li l-kawza giet prezentata fi zmien utili.

Ghal dawn il-motivi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi respinta.

Dwar il-mertu jirrizulta li l-provi li fuqhom is-societa` attrici qed tistrieh in sostenn ta' l-allegazzjoni taghha dwar ir-responsabbilta tas-societa` konvenuta huma principarjament r-rapport u x-xhieda tal-pulizija u anke x-xhieda tad-direttur tas-societa` konvenuta Francis Chircop.

It-Tribunal ihoss li ghandu jirrileva mill-ewwel li dan Francis Chircop xejn ma kien konsistenti fix-xhieda tieghu, u kkontradixxa lilu nniffsu diversi drabi.

Huwa qal li meta kien qed jaghmel xoghol ta' bini (kostruzzjoni) gew xi nies li ma jafx min kienu jaghmlu xoghol ta' skavar. L-asserzjoni li hu ma kienx jaf min huma n-nies li ghamlu l-iskavar ghamilha aktar l-quddiem fix-xhieda tieghu. Fil-kontro-ezami mbaghad Chircop qal li x-xoghol ta' l-iskavar in kwistjoni "ghamluh Polidano". Ta' min wiehed jirrileva li "Polidano" hija l-istess entita li kienet nkarigat lis-societa` konvenuta taghmel ix-xoghol fis-sit.

F'dan ir-rigward huwa relevanti hafna li lill-pulizija Chircop ma nfurmahomx li ma kienx hu li ghamel ix-xoghol ta' skavar in kwistjoni u dan fl-ebda wahda mid-diversi konversazjonijiet li kellhom.

Fix-xhieda tieghu dan Francis Chircop qal ukoll li ma jiftakarx id-dettalji ta' x'qal lill-pulizija fid-diversi drabi li

kellimhom u li konsegwentement ma jiftakarx li hu qal li malli jircievi l-kont minghand il-Maltacom ihallas.

Il-pulizija (PS 1212 Carmel Zerafa) li xehed u li ghamel rapport kien car u b'mod inekwivokabbli qal li Chircop, fil-waqt li qatt ma cahad responsabbilta kien anzi jghid li hu qatt ma rceva kont x'jithallas. Chircop qal lill-pulizija wkoll li "**ghandi** (sottolinear tat-Tribunal) hafna nies" jahdmu fuq is-sit.

Tenut kont ta' dawn l-inkonsistenzi u tal-mod kif dan Francis Chircop ta x-xhieda tieghu t-Tribunal huwa tal-fehma li ma jistax jaghti affidament lill-versjoni ta' fatti esposta minn dan Chircop u li fuq bilanc ta' probabilitajiet kienet is-societa` konvenuta li kkawzat il-hsara.

Dwar il-kwantum reklamat mis-societa` attrici jirrizulta mid-dokumenti esebiti li l-ammont mitlub huwa gjustifikat. Hawn it-Tribunal ihoss li ghandu jiddistingwi bejn l-ammont ta' Lm614.03 mitlub bhala danni materjali u l-ammont ta' Lm11.00 li gie mitlub ghall-ispejjez taz-zewg ittri ufficjali u gie nkluz fit-talba principali, dan tenut kont tal-fatt li l-ispejjes b'mod generali gew mitluba separatament. Jidher car li l-ammont ta' danni kien ta' Lm614.03 u hija din is-somma li ghandha taghmel tajjeb ghalihom is-societa` konvenuta bhala danni. L-ispejjez ta' l-ittri ufficjali ghandhom jigu nkluzi ma' l-ispejjes mitluba separatament.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-societa` konvenuta jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-societa` konvenuta thallas is-somma ta' Lm614.03, bl-imghax mit-3 ta' Settembru 2003, u bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittri ufficjali tat-3 ta' Settembru 2003 u tat-3 ta' Awissu 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------